MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2019

Rikors Maħluf Numru 190/2018 LM

**Helen Agius (K.I. Numru 430750M)**

***vs.***

**Elise Falzon,**
**Gasan Mamo Insurance Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-27 ta' Frar, 2018 mill-attriċi **Helen Agius** (K.I. Numru 430750M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

A. *Dikjarazzjoni tal-Fatti*

1. *Premess illi nhar it-18 ta' Jannar, 2017 waqt illi r-rikorrenti kienet qiegħda ġo Vjal l-Indipendenza, il-Mosta, ġiet imtajra mill-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni STC 099 li kienet misjuqa mill-intimata Elise Falzon;*

2. *Premess illi dan l-inċident seħħ minħabba ħtijiet imputabbli unikament lill-intimata Elise Falzon, senjatament minħabba traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku mill-istess intimata Elise Falzon fis-sewqan tagħha;*

3. *Premess illi b'riżultat tal-istess inċident stradali hawn fuq imsemmi, ir-rikorrenti sofriet debilità permanenti fil-persuna tagħha u dana kif ben riżultanti mill-anness rapport mediku hawn anness Dok. A;*

4. *Premess illi l-vettura tal-intimata Elise Falzon hija assikurata mas-soċjetà intimata Gasan Mamo Insurance Limited, minkejja illi ż-żewġ intimati ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 11 ta' Ottubru, 2017 sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha riżultanti mill-inċident de quo lir-rikorrenti, huma baqgħu inadempjenti.*

B. *Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri:*

*Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex ikunu likwidati d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti riżultanti mill-inċident stradali hawn fuq imsemmi u jkun ukoll ordnat il-ħlas lir-rikorrenti tad-danni kollha minnha sofferti kif likwidati.*

C. *Talbiet tal-Attriċi:*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

1. *Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom huma unikament responsabbli għall-inċident stradali hawn fuq imsemmi, fejn b'riżultat tal-istess inċident ir-rikorrenti sofriet danni, inklużi debilità permanenti fil-persuna tagħha;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti minħabba l-inċident stradali hawn fuq imsemmi u dana okkorrnedo permezz ta' periti nominandi għall-istess fini;*

3. *Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom li jħallsu lir-rikorrenti d-danni kollha minnha sofferti u likwidati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Ottubru, 2017 u bl-intimati t-tnejn li jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Elise Falzon** (K.I. Numru 186282M) u **Gasan Mamo Insurance Limited** (C 3143), (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), u maħlufa minn Elise Falzon stess, li ġiet ippreżentata fl-20 ta' Marzu, 2018, li biha eċċepew:

1. *Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż, billi l-inċident mertu ta' din il-kawża ma ġarax tort u ħtija tal-eċċipjenti, Elise Falzon, iżda ġara unikament tort u ħtija tal-attriċi, Helen Agius, u dana billi hija qasmet Vjal l-Indipendenza, Mosta, bla kont u mingħajr ma aċċertat ruħha illi setgħet taqsam it-triq mingħajr ma tipperikola lilha nnifisha u dana nonostante li kellha viżwali tajba fit-tul biex b'hekk u li kieku ħarset sewwa setgħet tara l-vettura misjuqa minn Elise Falzon ġejja. Dana kollu kif sejjer jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

2. *Illi tant kien dan l-inċident tort tal-attriċi illi l-konvenuta ġiet liberata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Ġudikatura Kriminali minn kull tort u ħtija fil-proċeduri legali istitwiti kontra tagħha mill-Pulizija u dana kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

3. *Illi in vista tal-premess, il-konvenuti m'għandhom iħallsu xejn lill-attriċi in linea ta' danni.*

4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

*Dikjarazzjoni tal-konvenuta Elisa Falzon (ID Nru. 186282M):*

*Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma dawn il-fatti li hija taf bihom personalment:*

1. *Illi referibbilment għall-ewwel u t-tieni paragrafi tad-Dikjarazzjoni attriċi, l-esponenti tirrileva illi l-inċident mertu ta' din il-kawża li seħħ fit-18 ta' Jannar, 2017 fil-limiti tal-Mosta ma ġarax tort u ħtija tagħha, iżda ġara unikament tort u ħtija tal-konvenuta li qasmet Vjal l-Indipendenza, il-Mosta, bla attenzjoni u mingħajr ma ħarset sewwa (proper lookout) bir-riżultat li hija ħabtet mal-vettura numru STC 099 misjuqa mill-esponenti;*
2. *Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-esponenti kienet qed issuq il-vettura tagħha numru ta' reġistrazzjoni STC 099 bi speed baxx ħafna ġewwa Triq l-Indipendenza, Mosta, sejra fid-direzzjoni ġenerali taċ-ċentru tal-Mosta meta f'daqqa waħda l-attriċi qasmet bil-ġiri min-naħa tax-xellug u ħabtet mal-karozza fuq in-naħa tax-xellug. Ftit lura minn fejn ġara l-inċident li fih korriet il-konvenuta, hemm traffic*

*lights (pelican lights) proprju biex jaqsmu n-nies; l-attriċi naqset milli tagħmel użu minn dawn il-lights;*

3. *Illi referibbilment u bla preġudizzju għat-tielet paragrafu tad-Dikjarazzjoni attriċi, l-esponenti mhix f'dan l-istadju f'pożizzjoni li tikkummenta, dwar id-danni riklamati, u dana prinċipalment għax l-eżami mediku li sar mit-Tabib Thomas Azzopardi fejn stabbilixxa il-grad ta' debilità ta' 11% sar qabel ma għaddiet sena mid-data tal-inċident u dana kontra l-prassi medika, fejn f'każijiet simili dawn it-tip ta' ċertifikati għandu jsir wara li tkun għaddiet sena mid-data tal-inċident (u mhux qabel).*
4. *Illi l-attriċi ma ressqet l-ebda provi in konnessjoni mad-danni riklamati minnha u għalhekk l-esponenti qed tirriserva li tipprovdi dawn il-provi fi stadju ulterjuri.*
5. *Illi stante li dan l-inċident ma ġarax tort u ħtija tal-esponenti, it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Lulju 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

F'inċident li seħħ fit-18 ta' Jannar, 2017 fi Vjal Indipendenza, l-Mosta, l-attriċi ntlaqtet minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni STC 099, li kienet qiegħda tinstaq mill-konvenuta. L-attriċi tikkontendi li l-inċident seħħ bi ħtija

unikament imputabbli lill-konvenuta u talbet il-likwidazzjoni tad-danni li sofriet b'riżultat tal-imsemmi inċident. Il-konvenuta wieġbet li l-inċident inkwistjoni seħħ wara li l-attriċi qabdet u qasmet it-triq mingħajr ma aċċertat ruħha li setgħet tagħmel dan mingħajr ma tipperikola lilha nnifisha, billi ftit bogħod minn fejn seħħ l-inċident hemm *pelican lights* li l-attriċi naqset li tagħmel użu minnhom. Fl-eċċezzjonijiet tagħha l-konvenuta għamlet riferiment għall-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Ġurisdizzjoni Kriminali), fejn ġiet liberata mill-akkużi miġjuba kontriha, sabiex issostni li m'hemmx lok għall-ħlas ta' danni lill-attriċi.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors maħluf, l-attriċi ppreżentat kopja tar-rapport mediku redatt mill-konsulent ortopediku **Mr Thomas Azzopardi** *ex parte,* li eżamina lill-attriċi fit-13 ta' Ottubru, 2017[1], madwar disa' xhur wara li seħħ l-inċident inkwistjoni. Minn dak li qalet l-attriċi lil Mr Azzopardi meta eżaminaha, jirriżulta li l-inċident seħħ hekk kif l-attriċi kienet qiegħda taqsam Vjal l-Indipendenza fil-Mosta, meta sfat imtajra minn vettura, u mal-waqgħa ħabtet rasha. L-attriċi qalet li hi fl-ebda waqt ma ntilfet minn sensiha, iżda wara l-inċident ma setgħetx timxi. Skont ir-rapport ta' Mr Thomas Azzopardi, l-attriċi baqgħet issofri minn uġigħ f'saqajha, tant hu hekk meta ġiet eżaminata minn Mr Azzopardi, hija kienet għadha ma tistax timxi mingħajr l-użu ta' bastun. L-attriċi ilmentat ukoll li kienet qiegħda tgħejja ħafna, u kienet ristretta ħafna fid-distanza li tista' timxi. Jirriżulta wkoll li dan l-inċident ħalla effett fuq il-ħajja ta' kuljum tal-attriċi, minħabba li din m'għadhiex tista' tagħmel ix-xogħol

[1] *A fol.* 7 tal-proċess.

tad-dar jew tieħu ħsieb in-neputija tagħha, bir-riżultat li bintha kellha tieqaf taħdem. Fil-parti konklussiva tar-rapport mediku, Mr Azzopardi qal li:

> *"The history given for events on 18th January 2017 was consistent with the injuries sustained. Mrs Helen Agius suffered a forehead scalp laceration, and a right lateral tibial plateau fracture. She complained of residual symptoms in her right knee .... Clinical examination revealed residual tenderness and mild stiffness in her right knee ...*
>
> *As a result of the accident, Mrs Helen Agius experienced physical pain and emotional upset. She underwent a lengthy rehabilitation with regular physiotherapy, but complained of mild residual symptoms. Her injuries had been managed and treated appropriately. She was at risk of suffering from late sequelae of her right knee fracture, with the development of post-traumatic osteoarthritis.*
>
> *Taking into account the nature of the injuries, I should conclude that no further improvement should be expected regarding the injuries sustained. In my opinion Mrs Helen Agius has sustained a permanent disability of 7%."*

Ġiet esebita wkoll kopja tal-*case summary* li ngħatat l-attriċi hekk kif ġiet rilaxxjata mill-isptar[2], kopja tal-ittra uffiċjali bid-data tal-11 ta' Settembru, 2017 li ntbagħtet lill-konvenuti[3], u kopja tar-rapport tal-Pulizija dwar l-inċident inkwistjoni.[4]

Permezz ta' nota ppreżentata fit-28 ta' Ġunju 2018, l-attriċi esebiet għadd ta' rċevuti b'rabta ma' spejjeż li kellha tagħmel konsegwenza tal-inċident.[5]

L-attriċi **Helen Agius** fl-*affidavit* tagħha qalet li fit-18 ta' Jannar 2017, hija kienet għaddejja minn Vjal l-Indipendenza, il-Mosta, u fil-ħin meta seħħ l-inċident hi kienet diġà qasmet nofs it-triq. Qalet li qabel qasmet it-triq ħarset

---

[2] *A fol.* 12 tal-proċess.
[3] *A fol.* 18 tal-proċess.
[4] *A fol.* 20 tal-proċess.
[5] *A fol.* 37 *et seq.* tal-proċess.

lejn iż-żewġ naħat tat-triq sabiex tara jekk kinux ġejjin vetturi, u hekk kif waslet fin-nofs tat-triq, waqfet isserraħ ma' xi *bollards* li jifirdu karreġġjata minn oħra minħabba li mid-direzzjoni opposta rat li kienu ġejjin xi vetturi. L-attriċi qalet li waqt li kienet għadha qiegħda sserraħ mal-*bollards,* kien hemm vettura li bdiet iddur ma' Triq il-Mitħna, u fl-istess ħin il-vettura misjuqa mill-konvenuta bdiet tissorpassa lill-vettura l-oħra, bir-riżultat li l-konvenuta għaddiet minn mal-*bollards* u tajritha. L-attriċi żiedet tgħid li mad-daqqa hija spiċċat mal-art u xi nies li kien hemm bdew jgħidu li l-konvenuta kienet qiegħda tagħmel użu mill-*mobile* waqt li kienet qiegħda ssuq. L-attriċi qalet ukoll li hija ma ratx lill-konvenuta tagħmel użu mill-*mobile* waqt is-sewqan. Qalet li minkejja d-daqqa li qalgħet bil-vettura tal-konvenuta, hija baqgħet f'sensiha u rat lill-konvenuta toħroġ mill-vettura tagħha ppanikjata u tgħid li lill-attriċi ma kinitx ratha. L-attriċi għamlet riferiment għall-iskizz tal-Pulizija, u qalet li dan ma jindikax bi preċiżjoni l-vettura tal-konvenuta fejn waqfet, minħabba li din kienet waqfet aktar viċin il-*bollards.* L-attriċi żiedet tgħid li mad-daqqa hija sofriet ġrieħi f'rasha u ksur f'irkupptejha, ksur fi snienha, u ksur fin-nuċċali. Qalet li l-konsulent ortopediku kuranti tagħha stabbilixxa li hi ser tibqa' ssofri minn debilità permanenti. L-attriċi kkonkludiet billi qalet li meta seħħ l-inċident hija kellha 67 sena u kienet mara tad-dar. Qalet li sa dakinhar hija kienet għadha f'saħħitha, tant hu hekk kienet toħroġ timxi kuljum u kienet tieħu ħsieb ukoll lit-tfal tat-tifla tagħha. L-attriċi kompliet tgħid li konsegwenza tal-inċident imsemmi, hija m'għadhiex tista' timxi fit-tul u t-tifla tagħha kellha tieqaf taħdem.

Waqt l-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2018 xehed **PS 1586 Ronnie Attard**[6], li qal li mill-investigazzjoni kien irriżultalu li l-konvenuta kienet qiegħda ssuq fi Vjal l-

[6] *A fol.* 55 tal-proċess.

Indipendenza, il-Mosta fid-direzzjoni tal-knisja ta' San Silvestru, meta f'daqqa waħda ġiet mara min-naħa tax-xellug u s-sewwieqa tal-vettura ma rathiex, bil-konsegwenza li din sfat imtajra. Qal li meta l-Pulizija waslet fuq il-post, kien hemm ħafna konfużjoni u nies, u l-attriċi kienet għadha fl-art sakemm fuq il-post waslet l-ambulanza li wasslitha l-isptar.

Waqt l-istess udjenza xehed **Mr Thomas Azzopardi**[7], li qal li hu konsulent ortopediku fl-Isptar Mater Dei u kien ra lill-attriċi wara li din sofriet trawma konsegwenza ta' inċident tat-traffiku li hija kellha. Ix-xhud spjega li l-attriċi kellha trawma f'rasha fejn kellha tbenġila, u mis-*CT scan* irriżulta li ma kellhiex ħsara fil-moħħ, għalkemm kellha wkoll trawma fi rkoppitha u ksur f'parti mill-irkoppa. Spjega li meta eżamina lill-attriċi, din kienet qiegħda ssofri minn nuqqas ta' moviment f'għonqha, u f'daharha, u kellha wkoll problemi fi rkoppitha minħabba f'*ligament injury.* Qal li wara li eżamina lill-attriċi, ikkonkluda li din kienet qiegħda ssofri minn diżabilità permanenti ta' sebgħa fil-mija (7%). Ix-xhud ikkonferma li hu eżamina lill-attriċi madwar disa' xhur wara l-inċident, u qabel irrediġa r-rapport, hu kien ikkonsulta l-*file* mediku tal-attriċi minn fejn ma rriżultalux li din qatt kellha xi ksur jew *injuries* oħra qabel id-data tal-imsemmi inċident.

Fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018 kompla jixhed **PS 1586 Ronnie Attard**[8], li qal li l-inċident inkwistjoni seħħ għall-ħabta tas-2:15p.m. Ix-xhud qal li skont il-verżjonijiet li tawh il-partijiet *a tempo vergine* fil-ħin li l-Pulizija waslet fuq il-post, il-konvenuta kienet qaltlu li l-attriċi ħarġet min-naħa tax-xellug tagħha, u ma rathiex, filwaqt li l-attriċi kienet qalet li hija kienet ħarset qabel qasmet it-

[7] *A fol.* 66 tal-proċess.
[8] *A fol.* 74 tal-proċess.

triq biex tara jekk kinux ġejjin vetturi, u sfat imtajra mill-konvenuta meta hija kienet kważi waslet ħdejn il-*bollards* fin-nofs tat-triq. Ix-xhud ikkonferma li t-triq fejn seħħ l-inċident hija triq dritta li ma tippreżenta l-ebda ostakoli. Ix-xhud qal li sa fejn jaf hu fl-inħawi m'hemm l-ebda *zebra crossing,* u minn dak li seta' jikkonstata meta mar fuq il-post tal-inċident, fit-triq ma kien hemm l-ebda *brake marks.*

Waqt l-udjenza tal-14 ta' Jannar, 2019 sar il-kontroeżami tal-attriċi[9], li kkonfermat li l-inċident inkwistjoni seħħ qabel ma tasal għall-kappella ta' San Silvestru, u dak il-ħin hija kienet qiegħda taqsam Triq il-Mitħna fid-direzzjoni tal-iskola tal-Mosta, għax fil-ħin li seħħ l-inċident hija kienet sejra tiġbor lit-tifel tat-tifla tagħha mill-iskola. L-attriċi qalet li hija ħarset qabel qasmet it-triq, u qasmet biss meta kienet aċċertat ruħha li ma kienu ġejjin l-ebda vetturi min-naħa l-oħra tat-triq. Spjegat li dak il-ħin waqfet isserraħ mal-*bollards* li hemm f'nofs it-triq, waqt li bdiet tħares fid-direzzjoni tal-kappella ta' San Silvestru sabiex tara jekk kinux ġejjin vetturi minn dik id-direzzjoni. L-attriċi qalet li l-konvenuta ġiet minn warajha, ippruvat tissorpassa vettura oħra, u għal xi raġuni laqtet lill-attriċi. L-attriċi qalet li fil-ħin meta sabet ruħha mixħuta mal-art konsegwenza tad-daqqa li qalgħet, hija bdiet tisma' lin-nies jallegaw li l-konvenuta kienet qiegħda fuq il-*mobile* waqt li kienet qiegħda ssuq. L-attriċi qalet li hija kienet tgħaddi minn dik it-triq kuljum sabiex tmur tiġbor lit-tifel tat-tifla tagħha mill-iskola, u minkejja li fl-istess triq hemm it-*traffic lights,* dawn kienu bogħod minn fejn seħħ l-inċident. L-attriċi esebiet dokument[10] li juri l-*logs* bis-sejħiet telefoniċi li hija għamlet wara l-ħin tal-inċident, u qalet li

[9] *A fol.* 85 tal-proċess.
[10] *A fol.* 96 tal-proċess.

hija kienet għadha f'sensiha u konxja kemm ta' dak li kienet qiegħda tagħmel, kif ukoll ta' dak li kien qiegħed jingħad madwarha fil-ħin meta sfat imtajra.

Is-soċjetà konvenuta **Gasan Mamo Insurance Limited** (C 3143) ippreżentat kopja ta' ritratti u tas-*survey* li sar fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni STC 099 li kienet qiegħda tinstaq mill-konvenuta fil-ħin meta seħħ l-inċident.[11] Mir-ritratti esebiti jidher li l-*bonnet* tal-vettura misjuqa mill-konvenuta safa mgħattan, allegatament meta l-attriċi ttajret mill-istess vettura.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Frar, 2019, fuq talba tal-konvenuta, il-Qorti ħatret bħala espert mediku lil **Mr Frederick Zammit Maempel** sabiex wara li jeżamina lill-attriċi, jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-imsemmi incident fuq saħħet l-attriċi u jekk din ġarrbitx xi debilità permanenti u f'liema grad.

Fl-udjenza tas-27 ta' Frar, 2019 xehdet il-konvenuta **Elise Falzon**, li qalet li l-inċident seħħ waqt li hija kienet qiegħda ssuq minn Vjal l-Indipendenza, sejra fid-direzzjoni tal-Mosta. Qalet li hija kienet qiegħda ssuq bil-mod, tant hu hekk li fit-triq ma kienx hemm *brake marks*. Qalet li f'daqqa waħda, mis-*side street* ta' Triq il-Mitħna, hija rat lill-attriċi ġejjha tiġri lejha, ħabtet man-naħa tax-xellug tal-vettura misjuqa minnha, u ġiet fuq il-*bonnet* tal-vettura tagħha. Il-konvenuta żiedet tgħid li l-*bonnet* safa mgħattan kollu, u l-*handbag* iswed li kellha l-attriċi ħalla marki suwed fuq il-*bonnet.* Il-konvenuta qalet li hi waqqfet il-vettura mill-ewwel u ħarġet tiġri titlob l-ewwel għajnuna. Il-konvenuta qalet li mhux minnu li fil-ħin tal-inċident hi ppruvat tissorpassa xi vettura oħra, u dak il-ħin it-traffiku kien mexxej. Qalet li mhux l-istil tagħha li tagħmel ċertu manuvri waqt is-sewqan, u minkejja li hija kienet ilha ssuq għal għadd ta' snin,

[11] *A fol.* 98 *et seq.* tal-proċess.

hija qatt ma kellha inċident, lanqas *bumper to bumper.* Qalet ukoll li t-triq mhix wiesgħa biżżejjed biex minnha jgħaddu żewġ vetturi ma' ġenb xulxin. Il-konvenuta qalet li wara li l-attriċi ttieħdet l-isptar bl-ambulanza, hija talbet lill-pulizija jmorru magħha sabiex tiġbor il-*mobile* tagħha mill-vettura tagħha, u dan kien fil-*booth* ta' wara tal-vettura. Qalet ukoll li minkejja li dak il-ħin kienet sejra għand il-*mechanic* għax kellha l-bieba ma tinfetaħx, il-vettura tagħha kienet għadha kkundizzjonata. Żiedet tgħid li hija kienet ġiet liberata mill-akkużi li tressqu kontriha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Għad-domandi li sarulha in kontroeżami, ix-xhud qalet li hija ma tafx kemm kienet il-veloċità li kienet għaddejja biha dak il-ħin, u lanqas il-ħoss tal-*brake* ma kien wieħed kbir. Qalet li hija rat lill-attriċi ġejja tiġri fid-direzzjoni tagħha, tant hu hekk lilha ħasditha. Il-konvenuta għamlet riferiment għar-ritratti esebiti mis-soċjetà konvenuta, u qalet li fuq il-*bonnet* jidher għafis kif ukoll jidhru marki suwed li ħalla l-*handbag* li kienet liebsa l-attriċi.

Ir-rapport redatt mill-espert mediku ġudizzjarju **Mr Frederick Zammit Maempel** ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti fil-11 ta' Marzu, 2019.[12] L-espert mediku ġudizzjarju spjega li huwa eżamina lill-attriċi fl-4 ta' Marzu, 2019, u għalhekk ftit aktar minn sentejn wara li seħħ l-inċident inkwistjoni. Minn dak li seta' jistabbilixxi waqt l-eżami mediku kif ukoll minn dak li kkonstata mill-*file* mediku tal-attriċi, Mr Frederick Zammit Maempel qal li l-attriċi kienet ġarrbet ksur tax-xifer tal-qasba l-leminija (*tibial plateau rim*) u tal-fibula, kif ukoll ċarrtet il-*medial collateral ligament* tal-istess irkoppa. Mr Frederick Zammit Maempel qal illi dan il-ksur għaqad tajjeb, u mill-eżami

[12] *A fol.* 130 tal-proċess.

kliniku ma rriżultax li kien hemm laxk fl-irkoppa. Fi kliem l-espert mediku ġudizzjarju:

> "Is-sinjura Agius tilfet 25° minn kemm tista' ttini din l-irkoppa u dan in-nuqqas huwa parzjalment attribwibbli għall-ħsara li sostniet. Għalhekk hija ssibha diffiċli biex tinżel fil-baxx. L-uġigħ fuq firxa wiesgħa tal-irkoppa (*poorly localised tenderness*), in-nuqqas ta' ilma fl-irkoppa, in-nuqqas ta' muskoli mixrubin (*lack of thigh muscle wasting*) u l-użu tal-bastun fl-id tal-istess naħa huma kollha konsistenti ma' irkoppa li rkuprat il-biċċa l-kbira tal-funzjoni tagħha.
>
> Agius tilmenta wkoll minn sturdament temporanju (*transient vertigo*) meta tqum mis-sodda, kif ukoll minn uġigħ fuq il-lemin ta' rasha u l-widna tal-lemin. B'mod sinifikanti minn aspett ortopediku, dawn l-ilmenti ma jiġux meta tħarrek għonqha. Is-CT scan t'għonqha meħud dak in-nhar tal-inċident jikkonferma artrite fl-irkiekel t'isfel tal-għonq li per forza trażżan il-firxa ta' moviment tal-għonq, però l-uġigħ fir-ras jew il-widna mhuwiex attribwibbli għal din l-artrite. Huwa possibbli li l-pilloli tal-pressjoni jew xi kundizzjoni fil-widna huma responsabbli għal dan l-isturdament, iżda dan ma jaqax taħt l-isfera ta' kompetenza tiegħi.
>
> B'konklużjoni, mil-lat ortopediku, is-sinjura Helen Agius ġarrbet diżabilità permanenti stmata ta' 3% (tlieta fil-mija) bħala riżultat tal-inċident ta' Jannar 2017. Din l-istima ma tiħux konjizzjoni ta' kwistjonijiet (*issues*) li għandhom x'jaqsmu mal-widnejn jew mas-snien."

## <u>Konsiderazzjonijiet legali</u>

Il-Qorti semgħet ix-xhieda u evalwat il-provi miġjuba quddiemha sabiex fl-ewwel lok tgħaddi biex tiddetermina jekk il-konvenuta Elise Falzon għandhiex tinżamm responsabbli għall-inċident inkwistjoni, partikolarment minħabba li jirriżulta konflitt fil-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet dwar id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident. L-attriċi, li meta seħħ l-inċident inkwistjoni kellha 67 sena, tgħid li hija kienet diġà qasmet nofs Vjal l-Indipendenza fil-Mosta, meta sfat imtajra mill-vettura misjuqa mill-konvenuta, u tispjega li l-inċident seħħ waqt li l-attriċi kienet maġenb xi *bollards* li kien hemm f'nofs it-triq, tistenna li

jgħaddu l-vetturi li kienu ġejjin min-naħa opposta tat-triq, mid-direzzjoni tal-kappella ta' San Silvestru. L-attriċi allegat li hija sfat imtajra meta l-konvenuta ppruvat tissorpassa vettura oħra li wkoll kienet għaddejja mill-istess parti tat-triq fl-istess direzzjoni, bir-riżultat li l-konvenuta spiċċat laqtet lill-attriċi. Skont ma qalet l-attriċi fix-xhieda tagħha, hija tagħmel użu minn din it-triq ta' kuljum, minħabba li tgħaddi minn hemm sabiex tiġbor lit-tifel tat-tifla tagħha li jmur l-iskola li tinsab fl-akkwati, u fil-passat kienet tgħaddi mill-istess triq sabiex twassal lil uliedha.

Min-naħa tagħha l-konvenuta qalet li l-attriċi ħarġet tiġri minn *side street* u mingħajr ma tat każ jekk kinux ġejjin vetturi mid-direzzjoni opposta, baqgħet dieħla fil-vettura misjuqa minnha, bir-riżultat li l-attriċi sfat milquta bil-parti tax-xellug tal-vettura tal-konvenuta, waqt li għal xi ħin l-attriċi spiċċat anki fuq il-*bonnet* tal-istess vettura, kif jirriżulta mir-ritratti esebiti fl-atti. Il-Qorti semgħet lill-pulizija, li marru fuq il-post wara li seħħ l-inċident, jgħidu li fl-art fejn ittajret l-attriċi ma kienx hemmx marki tal-brejkijiet, u l-konvenuta qalet li dan kien minħabba li hija kienet għaddejja b'veloċità baxxa ħafna, u hekk kif tajret lill-attriċi, waqfet u ħarġet mill-vettura mill-ewwel.

Iffaċċjata b'verżjonijiet daqstant kontrastanti dwar il-mod kif seħħ l-inċident inkwistjoni, kif ukoll fin-nuqqas ta' xhieda okulari li raw l-inċident iseħħ, il-Qorti sejra tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq il-konvinċiment morali abbażi tal-preponderanza tal-probabbilitajiet, u dan fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi tal-Qrati tagħna dwar liema prinċipji għandhom jiggwidaw il-ħsieb tal-ġudikant meta ikun iffaċċjat bi provi konfliġġenti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **George Borg *vs.* Joseph Meilaq**[13], il-Qorti qalet:

---

[13] P.A., 30.10.2003.

"Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin; anzi, meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoe li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Dwar il-fatt li jkun hemm żewġ verżjonijiet dijametrikament oppposti, ingħad:

Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dwar jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet fornuti lilu, imma jekk dawn l-ispjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo.* Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-isappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant."

Il-Qorti kkonsidrat dak li xehdet l-attriċi li hija familjari ħafna mat-triq inkwistjoni minħabba li kienet tgħaddi minnha kuljum, u kienet ilha tagħmel dan għal diversi snin, l-ewwel sabiex tiġbor lil uliedha mill-iskola li hemm fil-viċinanzi, u fi snin aktar riċenti, sabiex tiġbor lin-neputi tagħha mill-istess skola. L-attriċi spjegat kif l-inċident inkwistjoni seħħ meta hi kienet diġà qasmet nofs Vjal Indipendenza, u hekk kif waqfet mal-*bollards* li hemm fin-nofs tat-triq, sfat imtajra mill-vettura misjuqa mill-konvenuta. Il-konsegwenzi tal-inċident kienu kbar għall-attriċi, tant hu hekk wara l-inċident baqgħet tbati minn debilità permanenti, kif ukoll sofriet ksur f'partijiet ta' ġisimha. Konsegwenza tal-inċident il-konvenuta ġarrbet ħsarat estensivi fil-vettura tagħha kif jirriżulta mir-ritratti li ġew esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri.

L-attriċi fix-xhieda tagħha qalet li meta seħħ l-inċident għad li kellha 67 sena kienet għadha f'saħħitha, tant huwa hekk kienet tlaħħaq max-xogħol tad-dar u tieħu ħsieb lin-neputijiet tagħha. Imma l-Qorti tqis li ma tantx huwa verosimili li mara ta' dik l-età toħroġ tiġri minn *side street*, u bla ma tħares lejn fejn hija sejra, taqbad u toħroġ f'nofs it-triq, kif ippruvat tpinġi d-dinamika tal-inċident il-konvenuta. Il-konsegwenzi li ħalla dan l-inċident kienu tali li l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-konvenuta kienet qiegħda ssuq b'ċerta veloċità, tant huwa hekk li meta laqtet lill-attriċi bil-vettura tagħha, ikkawżatilha ksur f'saqajha u ġrieħi sostanzjali f'ġisimha, u saħansitra nkisrilha n-nuċċali li kienet liebsa. Il-Qorti tqis illi ma kienx hemm marki tal-brejkijiet fl-art għax probabbilment il-konvenuta waqfet zoptu hekk kif indunat li tajret lil xi ħadd. Il-konvenuta allegat li kienet l-attriċi li ħarġet tiġri fil-karreġġjata tagħha, u hija ma laħqitx twaqqaf il-vettura tagħha sabiex tevita li jkun hemm dan l-inċident għax ma kinitx rat lill-attriċi. Abbażi tal-provi li tressqu quddiemha, il-Qorti hija konvinta li l-konvenuta ma kinitx attenta biżżejjed u b'għajnejha fuq it-triq sabiex tara jekk kienx hemm xi ostaklu li kellha tevita. Il-konvenuta qalet li mhux minnu li hija ppruvat tissorpassa vettura oħra li kienet għaddejja mill-istess karreġġjata, minħabba li t-triq mhix wiesgħa biżżejjed biex tippermetti li mill-istess karreġġjata jgħaddu żewġ vetturi. Madanakollu fir-rigward ta' Vjal l-Indipendenza, il-Mosta, li hija triq li f'xi waqt jew ieħor jgħaddi minnha kulħadd, il-Qorti tqis li manuvra bħal din kienet possibbli li ssir għax minn dik il-parti tat-triq jistgħu jgħaddu żewġ vetturi biswit xulxin mingħajr xkiel.

Fi kwalunkwe każ il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuta ma żammitx *a proper lookout* u huwa d-dover ta' "*driver to see what is in plain view*"[14]*,* u "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm "*a*

[14] App. Krim. **Il-Pulizija** ***vs.*** **Joseph Vella**, 10.08.1963.

*proper lookout*".[15] F'dan il-kuntest il-Qrati tagħna ħafna drabi jagħmlu riferiment għas-sentenza tal-Qorti Ingliża li tgħid:

> "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*"[16]

Barra minn hekk, kif ġie ritenut ukoll mill-Qrati tagħna illi:

> "*driver* għandu juża d-diliġenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq, anki jekk il-*pedestrian* jaqsam negliġentement u għalhekk għandu jiġi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tiegħu b'mod li jkun poġġa ruħu f'pożizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-*pedestrian*. Il-każ li fih *driver* jista' jkun eżentat mir-responsabbilità hu dak biss fejn il-*pedestrian* b'xi att inaspettat u subitaneu jew xort'oħra b'xi għemil tiegħu ikun qiegħed lid-*driver* f'pożizzjoni li anki bl-użu tad-diliġenza meħtieġa dan ma setax assolutament jevita l-investiment."[17]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija *vs.* J. Formosa**[18] intqal ukoll:

> "Għalkemm il-*pedestrian* għandu dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam, ċertament għandu ukoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam. Jekk il-*pedestrian* ikun negliġenti, però dan ma jassolvix lid-*driver* tal-*car* milli juża dak il-grad ta' "*reasonable care*" li tinħtieġ. Dana kollu jingħad, dejjem sakemm ma tkunx ġiet krejata mill-*pedestrian* lid-*driver*, bl-imprudenza tiegħu emerġenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux raġjonevolment possibli, azzjoni evażiva tempestiva."

Meta jiġu applikati dawn il-prinċipji li joħorġu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna għaċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna, tenut kont ukoll li l-oneru

---

[15] Appell Kriminali, **Il-Pulizija *vs.* J.M. Laferla**, 17.06.1961.
[16] **Newhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.** 1968, (1) SA 398 (A) f'405H-406A.
[17] App. Krim. **Il-Pulizija *vs.* DPC 347 Carmel Mifsud**, 26.06.1954, Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859.
[18] App. Krim. XL111, 1023.

probatorju f'kawża ċivili huwa inqas oneruż milli hu f'kawża kriminali, il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta għandha tinżamm unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u l-konvenuti għandhom jiġu kkundannati jħallsu solidalment bejniethom lill-attriċi d-danni kollha sofferti mill-attriċi b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

Illi kif ġie ritenut fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe et *vs.* Tal-Magħtab Construction Company Limited**[19]:

> "Skont l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili kull persuna hi responsabbli għal danni u ħsarat kaġunati minħabba tort da parti tiegħu. Kif jidher mill-Artikolu 1032 dan jiġri f'każ li din il-persuna ma tużax il-prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' *'bonus paterfamilias'*. Dwar dan, għandu jingħad li tali nuqqas jista' jirriżulta mill-aġir kolpuż kif ukoll anke minn ommissjoni da parti tal-istess persuna b'dan li ma għandu jkun hemm ebda responsabbiltà f'każ li l-ħsara tkun riżultat ta' kas fortuwitu jew ta' forza irreżistibbli.
>
> Huwa prinċipju magħruf in materja ta' inċidenti stradali illi, kif senjalat mis-soċjetà appellanti, hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li jkun jinsab fihom, *ad exemplum*, il-ħin ta' bil-lejl, ix-xita u l-istat tal-art u rapporti oħra kontinġenti (Vol. XLVI P. I p. 112). Ifisser minn dan illi l-kriterju tar-responsabbiltà tas-sewwieq titrieħ fuq in-nozzjoni tad-diliġenza li hu għandu jadopera fil-kundizzjoni u l-kontroll tal-vettura tiegħu. In-nuqqas ta' din l-istess diliġenza ġġib b'konsegwenza għalih il-kolpa preżuntiva li ssemmi l-liġi fl-Artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili."

Hekk stabbilita l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni materjali u futuri sofferti mill-attriċi b'konsegwenza tal-istess inċident.

[19] P.A., 03.11.2004.

*Damnum Emergens:*

Bħala prova tad-danni materjali li sofriet, l-attriċi esebiet għadd ta' rċevuti b'rabta ma' spejjeż li hi ħtiġilha tagħmel minħabba f'dan l-inċident. Mill-irċevuti esebiti jirriżulta li l-attriċi sofriet danni materjali fl-ammont ta' erba' mija u wieħed u erbgħin Euro u dsatax-il ċenteżmu (€441.19).[20]

*Lucrum Cessans:*

L-espert mediku ġudizzjarju Mr Frederick Zammit Maempel ikkonkluda li l-attriċi sofriet debilità permanenti ta' tlieta fil-mija (3%) konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, u l-Qorti tqis li għandha tagħmel tagħha din il-konklużjoni tenut kont tal-fatt li dan l-espert eżamina lill-attriċi aktar minn sentejn wara li seħħ l-inċident, u għalhekk kwalsiasi debilità permanenti riskontrata minnu hija debilità li x'aktarx mhix ser titfejjaq u ser tibqa' tbati minnha għal dejjem. F'dan l-istadju il-Qorti tqis li għandha tagħmel riferiment għal dak li ntqal f'sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et**[21], fejn il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili għal dawn:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**, (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom

[20] *A fol.* 19, €6.99 - rapport tal-Pulizija; *a fol.* 38, €65 - servizzi dentali; *a fol.* 38, €300 rapport mediku; *a fol.* 38, €16.20 spejjeż ta' mediċini; *a fol.* 39, €53 konsulta fl-Isptar Da Vinċi.

[21] P.A., 25.02.2016.

id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – ('**Savona vs Asphar'**, Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana vs John Micallef et noe et'**, Appell, 20.07.1994)."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Malcolm Cumbo *vs.* Malta Freeport Terminals Ltd**[22], ġie ritenut illi:

"Illi f'dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ."

M'hemm l-ebda dubju li minkejja li l-attriċi hija mara tad-dar, hija xorta waħda għandha tiġi kkumpensata għal telf ta' qligħ li sofriet minħabba fl-inċident inkwistjoni. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Mary Farrugia *vs.* Agnes Borg et**[23], li kienet tittratta mertu simili ħafna għal dak odjern, il-Qorti qalet:

"Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-attriċi għalkemm mara tad-dar u nonostante li ma tipperċepixxix paga mingħand datur tax-xogħol uffiċjali, hija xorta hija intitolata għal kumpens ta' telf ta' qliegħ. Dan huwa prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna kurrenti u ċioe għalkemm mara miżżewġa ma kellhiex impjieg fiż-żmien tal-korriment, xorta jistħoqqilha tingħata kumpens adegwat għall-ġrieħi sofferti minnha fl-inċident dannuż siccome llum huwa

[22] P.A., 30.06.2016.
[23] P.A., 24.10.2016.

ġustament meqjus illi x-xogħol ta' mara tad-dar jista' jissarraf f'ħidma ekonomika, għalhekk illum huwa paragonat ma' impjieg bi qliegħ effettiv."

F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti tqis il-kejl tal-paga minima nazzjonali bħala l-paga bażika li fuqha għandha ssir il-komputazzjoni tad-danni sofferti. Fis-sena 2017, is-sena meta seħħ l-inċident, l-paga minima nazzjonali kienet tammonta għal €8,827.52 gross u €7,944.77 wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. Dan id-dħul irid jiġi aġġustat sabiex jittieħed inkonsiderazzjoni l-effett tal-inflazzjoni għall-perijodu kollu tal-*multiplier* li ser jiġi stabbilit mill-Qorti.[24] Dan ifisser li fuq medda ta' ħames snin, il-paga minima nazzjonali kienet mistennija titla' għal €8,326.12, u li kieku wieħed kellu jieħu d-dħul medju fuq l-imsemmi perijodu, €7,944.77 + €8,326.12 / 2, dan kien mistenni li jkun fl-ammont ta' €8,135.44.

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier.* Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[25] intqal li:

> "In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*.
> ...
> Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm

[24] F'sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti qalet illi: "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.
[25] Qorti tal-Appell, 05.03.1986.

> jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

Huwa veru li meta seħħ dan l-inċident, l-attriċi kienet diġà laħqet l-età tal-pensjoni peress li kellha 67 sena. Madanakollu llum il-ġurnata huma bosta dawk il-persuni li minkejja li laħqu l-età tal-irtirar, xorta waħda jfittxu li jżommu impjieg, u dan jagħmluh għal raġunijiet varji. Fis-snin riċenti l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu, u għal persuni li qabżu l-età ta' 65 sena, il-*multiplier* indikat huwa ta' 5 jew anqas. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-*multiplier* ta' 5 huwa wieħed ġust għall-każ in eżami.

L-evolviment ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti f'komputazzjonijiet ta' din ix-xorta, dak li jitnaqqas 20% għal-*lump sum payment* minħabba li l-ħlas lill-attriċi sejjer isir permezz ta' pagament ta' darba. Żvilupp ieħor huwa dak li jitnaqqsu 2% minn dawn l-20% f'każ li lill-Qorti jirriżultalha li xi parti jew oħra kkontribwiet għal xi dewmien fil-proċeduri. F'dan il-każ ma jirriżultax li kien hemm xi dewmien attribwibbli lil xi parti jew oħra, tant hu hekk li s-sentenza ser tkun qiegħda tingħata f'anqas minn sentejn wara li nbdew dawn il-proċeduri u għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis bħal dan.

Għalhekk is-somma li ser tiġi likwidata bħala *lucrum cessans* hija €8,135.44 x 5 (*multiplier*) = €40,677.22 x 3% diżabilità = €1,220.32 - 20% (ħlas f'darba) = €976.25, li magħduda mad-danni attwali sofferti mill-attriċi iwassal għas-somma totali ta' danni sofferti mill-attriċi ta' elf, erba' mija u sbatax-il Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,417.44).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

**2. Tilqa' t-talbiet attriċi, u tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli għall-inċident stradali mertu ta' din il-kawża fejn b'riżultat tal-istess inċident l-attriċi sofriet danni, inkluża debilità permanenti fil-persuna tagħha;**

**3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi minħabba l-inċident stradali mertu tal-kawża fis-somma ta' elf, erba' mija u sbatax-il Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,417.44);**

**4. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jħallsu solidalment bejniethom lill-attriċi d-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.